MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Numru 505/2003

Il-Pulizija
(Spettur C Galea Scannura)

vs

Carmelo Gauci

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi ta' l-imputat Carmelo Gauci ta' karta ta' identita' numru 389363M, akkuzat:

1. talli fit-22 ta' Mejju ghal habta ta' l-10:00 a.m. waqt li kien fil-hanut Farnkit Ltd fi Triq il-Mithna gewwa Hal-Qormi ikkommetta serq ta' bull bar, zewg radiators u bumper, ghad-dannu ta' Francis Tonna, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-persuna;
2. fl-istess data, hin u lok bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u li ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u

independenti mill-volonta' tieghu u liema delitt kieku gie esewit kien ikun aggravat bil-valur u bil-persuna;
3. fl-istess data, hin u lok xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qera jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jittrattaw is-serq aggravat bil-valur u l-persuna, l-attentat tieghu, u r-ricettazzjoni. Jinghad mill-bidu illi r-ricettazzjoni giet inkluza bhala reat in alternattiva ghal dak tas-serq u fic-cirkostanzi tal-kaz mhiex sostenibbli.

Fir-rigward pero' l-akkuzi dwar is-serq jirrisulta li l-proceduri nbdew fuq rapport li kien ghamel il-kwerelant fit-22 ta' Mejju, 2003 dwar li l-imputat kien aktar kmieni heba 'bullbar' taht sigra fil-vicin l-istabiliment tal-kwerelant li mieghu l-imputat kien impjegat. Dwar dan il-fatt hemm ix-xhieda ta' hu l-imputat li ghandu negozju faccata u li kien osserva l-imputat jahbi dan l-attrezz kif inghad. Il-kwerelant irraporta wkoll illi kienu naqsulu zewg radiators u bumper. Ta' dan pero' m'hemm l-ebda prova li kien l-imputat responsabbli ghal ghejbien taghhom dato ma non concesso li kienu fl-istabiliment de quo u nsterqu.

Illi l-imputat jammetti li l-bulbar caqlaqha hu u poggiha taht is-sigra u ghattieha b'xi xkejjer ghaliex haseb li 'tghodd ghalih ghal xi haga'. Jargumenta izda li kien oggett abbandunat u l-imghallem kien inkarigah inaddaf l-arja fejn kienet tinstab il-bulbar u jarmi kollox.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti mhiex propensa li taccetta d-difiza tal-imputat li fil-kaz tal-bulbar hu nieqes l-element tal-'invito domini' stante li kien l-imghallem stess li

kien ordna li l-affarijiet f'dik l-arja kellhom jintremew u wkoll li konsegwentement l-oggett gie res derelicta jigifieri ta' propjeta' ta' hadd u ghalhekk mhux passibbli ta' serq. Il-fatti kuntrarjament juru li l-oggett in kwistjoni kien oggett gdid, li kien xi zmien poggut mal-hajt gewwa l-garaxx u li kien l-imputat li garru u poggih b'xi xkejjer fuqu taht is-sigra. Dan kollu jinducu lill-Qorti sabiex issib l-imputat hati ta' attentat ta' serq tal-bulbar, billi giet eventwalment irkuprata minn taht is-sigra mill-kwerelant.

Tiddecidi ghalhekk, wara li rat l-Artikolu 41, 261(c)(d), 267, 268, 279(a), 280 tal-Kap 9 qeghdha fic-cirkustanzi tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 illi ma jikkommettix reat iehor ghall-perjodu ta' sena mill-lum.

Il-Qorti kif tenuta taghmel qeghdha tispjega lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu nascenti minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------